***23 ta' Marzu, 1988***

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Emmanuel Refalo

*versus*

Joseph Mercieca *et*

**Appell – Digriet – Appell minn Digriet li jiċħad Talba għal Mistoqsija – Korrezzjoni – Żieda fl-Okkju – Nullità**

*Appell minn digriet li ċaħad talba biex jagħmel domandi lill-Periti Addizzjonali. Fir-risposta għar-Rikors ta' l-Appell, ġiet eċċepita n-nullità għaliex kienet tonqos waħda mill-partijiet fil-kawża.*

*L-okkju tal-kawża ma jinbidilx u li ż-żieda ta' isem ta' parti li tkun daħlet fil-kawża wara li tkun ġà bdiet mhux essenzjali għall-validità tal-proċeduri għalhekk dejjem issir fil-prattika.*

*Il-Qorti għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni u ordnat il-korrezzjoni. Fil-mertu ċaħdet l-Appell, ma ippermettiex il-mistoqsija u rrimettiet l-Atti lura quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat id-deċiżjoni tas-6 ta' April, 1984, tal-Qorti ta' Għawdex Superjuri Kummerċjali li biha ċaħdet talba ta' l-attur biex jagħmel domandi lill-periti addizzjonali rigwardanti l-grad ta' responsabbilità bejn l-attur u l-konvenuti filwaqt li rriservat li fi stadju ulterjuri tikkonsidra, jekk ikun hemm lok, il-possibbilità ta' xi grad ta' responsabbilità fl-attur, u dan wara li kkunsidrat:

"Illi din id-domanda ġà saret lill-periti fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 1984. Huma wieġbu li ma kinux f'posizzjoni li jgħidu dwar il-proporzjon fir-responsabbilità bejn l-attur u l-konvenuti għal dak li jirrigwarda l-kostruzzjoni tal-ħajt. Il-periti qalu li dik kienet l-ewwel okkażjoni li fiha saritilhom dik il-mistoqsija";

"Jidher mill-premess li biex il-periti jkunu fi grad li jwieġbu għad-domanda in kwistjoni huma jkollhom bżonn jagħmlu indaġini ulterjuri. Ma jidhirx opportun li jsiru spejjeż u jintilef żmien f'tali indaġini qabel ma jiġi stabbilit jekk il-konvenuti

humiex responsabbli o meno skond it-talbiet taċ-ċitazzjoni'';

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur Emmanuel Refalo li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka ''d-digriet'' appellat u b'hekk tilqa' t-talba tiegħu li ġiet miċħuda b'dan id-digriet, bl-ispejjeż kontra l-appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kollha għar-rikors ta' l-appell ta' l-attur li biha eċċepew: 1) illi l-appell huwa irritu u null għaliex ma sarx fil-konfront tal-konvenuti kollha u dan billi kellu jsir ukoll kontra l-aħwa Mercieca oltre li kontra l-konvenut Perit Joseph Mizzi u l-konvenuta Rosina Mercieca li oltre li f'isimha kellha tiġi ċċitata bħala leġittima rappresentanza ta' bintha minuri; 2) illi mingħajr preġudizzju, id-digriet appellat huwa ġust u legali u jimmerita li jiġi kkonfermat minn din il-Qorti bl-ispejjeż kontra l-appellant u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta tagħhom;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 1986 li biha l-attur appellant talab korrezzjoni fir-rikors ta' l-appell billi fl-okkju wara l-kliem Rosina Mercieca jiżdiedu l-kliem *''proprio et nomine et''* għal-liema talba l-appellati opponew;

Rat l-atti kollha rilevanti għal dan l-appell;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra tiddeċidi t-talba ta' l-attur għall-korrezzjoni u l-aggravju ta' l-appellati rigwardanti l-allegata nullità ta' l-appell;

Skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 175 tal-Kap. 12 "kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fin-nota ta' l-appell, fil-petizzjoni, fiċ-ċitazzjoni jew fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell, skond il-każ, jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-Qorti, tal-partijiet jew tal-kwalità li fiha huma jidhru jew fid-data tas-sentenza appellata";

Illi m'hemmx dubju li l-okkju tar-rikors ta' l-appell ta' l-attur sar ħażin għaliex jonqos li jiġi indikat li Rosina Mercieca oltre li f'isimha qed tidher ukoll bħala leġittima rappresantanti ta' bintha minuri Jennifer Mercieca u inoltre jonqsu l-ismijiet tal-konvenuti l-oħra, Adeodata, Rose u Felicia xebbiet, Giovanna mart John Spiteri, Margaret mart Michael Portelli u Giusa mart Alessio Mizzi;

Din il-Qorti mingħajr il-ħtieġa li ttawwal fuq din il-kwistjoni tirreferi għal dak li kienet iddeċidiet fil-kawża "Joseph Giorgio *nomine vs* Caterina Giorgio" (Vol. XXXIII.I.134) u ċjoè li l-okkju tal-kawża ma jitbiddilx u li ż-żieda ta' isem ta' parti li tkun daħlet fil-kawża wara li tkun ġà bdiet mhux essenjali għall-validità tal-proċeduri għalkemm dejjem issir fil-prattika u hu desiderabbli li jsir hekk. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet *waslet għall-konklużjoni li l-iskop tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu* 175 kien proprju biex isiru korrezzjonijiet biex jagħmlu tajjeb għal nuqqasijiet bħal dawn u biex jiġu evitati nullitajiet. F'dik il-kawża, fil-petizzjoni ta' l-appell l-appellanti kien nesa jnizzel wara l-isem ta' l-attur fl-okkju li b'nota persuna oħra kienet assumiet l-attijiet tal-kawża billi l-attur kien siefer u l-appellat kien ressaq eċċezzjoni tan-nullità tal-petizzjoni għax kien tħalla barra isem min kien assuma l-atti. Din il-Qorti f'dik l-okkażjoni kienet ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-petizzjoni u rrespinġiet

l-eċċezzjoni tan-nullità ssollevata mill-appellati;

Illi dak li din il-Qorti kienet qalet fis-sentenza ċċitata jgħodd ukoll għall-każ in diżamina. Ma'-dan jista' jiżdied ukoll li għalkemm fl-okkju hemm in-nuqqas imsemmi hu ovvju mit-talba ta' l-appellant li hu qed jitlob ir-revoka tad-digriet appellat liema digriet kif jirriżulta ngħata fil-konfront tal-partiiet kollha fil-kawża u mill-ebda parti tar-rikors ta' l-appell ma jirriżulta li l-appellant kien qed jappella biss fil-konfront ta' uħud mill-konvenuti u mhux kontra oħrajn minnhom;

Filwaqt li għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell issollevata mill-konvenuti kollha tilqa' t-talba għall-korrezzjoni ta' l-okkju tar-rikors ta' l-appell billi wara l-kliem "f'isem Rosina Mercieca" jiżdiedu bintha minuri Jennifer Mercieca, Adedoata, Rose u Felicia xebbiet, Giovanna mart John Spiteri, Margaret mart Michael Portelli u Giusa mart Alessio Mizzi u l-Perit Joseph Mizzi" u inoltre *ex officio* tordna korrezzjoni ulterjuri billi bejn il-kliem "degriet" u "ta' Jannar, 1978" fl-istess okkju jiżdiedu l-kelma u numru li ħejjin u ċjoè "ta' l-4" u billi l-kliem "u l-Perit Joseph Mizzi" wara l-kliem "Joseph Mercieca" jiġu kkanċellati. L-ispejjeż relattivi għall-korrezzjonijiet ordnati jkunu a kariku ta' l-attur appellant mentri dawk relattivi għall-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell ikunu a kariku tal-konvenuti kollha;

Ikkunsidrat fil-mertu ta' l-appell;

Illi l-aggravju ta' l-attur appellant huwa fis-sens li r-responsabbilità tal-konvenuti *ma tistax tiġi* epurata sewwa mingħajr ma qabel jiġi determinat mill-periti l-gradi ta' responsabbilità għall-fatturi li jipprovokaw id-danni. Fil-fatt,

jissottometti l-appellant, jirriżulta mir-relazzjonijiet peritali li d-dannu ġara minħabba diversi fatturi, fosthom fatturi direttament attribwibbli għall-konvenuti fil-kawża. Skond l-appellant biex il-kwistjoni ta' responsabbilità tiġi determinata sewwa wieħed l-ewwel irid jara l-grad f'liema d-diversi fatturi kkontribwew għad-dannu;

Il-konvenuti appellati għal dan l-aggravju ta' l-appellant opponew illi:

1) Id-digriet appellat ingħata wara li l-avukat ta' l-attur iddikjara li ma kellux aktar domandi x'jagħmel lill-periti addizzjonali ħlief dik rigwardanti l-grad ta' responsabbilità bejn il-kontendenti u wara li l-konvenuti kienu vverbalizzaw li l-azzjoni kif ikkonċepita hija azzjoni taħt l-artikolu 1732 tal-Kodiċi Ċivili (illum artikolu 1638) u għalhekk mhux il-każ illi jiġi stabbilit il-grad għar-responsabbilità tad-danni bejn l-attur u l-konvenuti;

2) Illi dan hu każ fejn il-Qorti ta' l-appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti għax hawn *si tratta* ta' regolament ta' provi;

3) Stante kif ikkonċepita l-azzjoni huma ma jistgħux jinstabu responsabbli għad-danni għaliex l-azzjoni hija dik li żżomm responsabbli għad-danni kollha lill-perit u lill-kuntrattur f'każ li jkun hemm perikolu ċar li l-fond kostruwit **sejjer jiġġarraf minħabba difett fil-kostruzzjoni** u din il-possibbilità ġiet għal kollox eskluża mill-periti ġudizzjarji;

Ikkunsidrat:

Illi apparti mill-kwistjoni ta' kif hi kkonċepita l-azzjoni attriċi u taħt liema artikolu tal-liġi ġiet intavolata, li din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tinvesti f'dan l-istadju, jidher ovvju li t-talba ta' l-attur appellant lill-Ewwel Qorti li fuqha ngħata d-digriet appellat tippresupponi bħala fatt li l-konvenuti huma almenu f'ċertu grad żgur responsabbli fit-termini taċ-ċitazzjoni. Fil-fatt però l-kwistjoni tar-responsabbilità tal-konvenuti għadha mhux deċiża kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti u hu kontro-indikat li f'dan l-istadju jsir dak li talab l-attur. Inoltre jiġi osservat ukoll li meta l-periti addizzjonali fix-xiehda tagħhom tad-9 ta' Marzu, 1984, (fol. 163 *tergo)* saritilhom domanda *'ad hoc'* qalu li ma kinux f'posizzjoni li jgħidu dwar il-proporzjon fir-responsabbilità bejn l-attur u l-konvenuti għal dak li jirrigwarda l-kostruzzjoni tal-ħajt. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, id-deċiżjoni appellata kienet korretta u m'għandhiex tiġi ddisturbata;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza salv dawk ġà deċiżi *supra* jkunu a kariku ta' l-attur appellant. Fl-aħħarnett tibgħat il-proċess lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.